## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-14 ta' Jannar 2016

Appell Nru: 472/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Mario Tonna**

**vs**

**Clinton Joseph Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Clinton Joseph Aquilina detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 141681M talli fil-21 ta' April, 2014 ghall-habta ta' 18:30hrs waqt li kien qieghed fl-inhawi tal-Lambordin l/o Marsascala: 1) Bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja; 2) ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummssarju tal-Pulizija u dan bi ksur

tal-Kap 480 art. 5(3);  u 3) ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt stagun maghluq ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq l-art ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur, jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur ta' reg. 18(1)(a) ta' SL 504.71.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li barra l-piena skond il-ligi tordna r-revoka ta' kull licenzja jew permess mahruga taht l-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat u taht it-Taqsima XV tal-kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija hekk kif stabbilit taht regolament 27(2)(b) tal-AL 70 tal-2006 hekk kif emendat u s-sospensjoni tal-licenzja taht il-Kap 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li jidrilha xieraq din il-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 5(3) tal-Kap 480 u r-Regolament 18(1)(a) ta' SL 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta., lliberat lill-appellant mill-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet wara li ma sabitux hati taghhom u wara li sabitu hati tat-tielet (3) akkuza kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt (€500) ewro kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-licenjza tieghu ghall-sentejn ai terminu tar-Regolament 27(2)(a) LS 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clinton Joseph Aquilina, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Novembru, 2014,  li permezz tieghu talab lill-din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu l-appellanti kien liberat minn l-ewwel zewg akkuzi u misjub hati tat-tielet akkuza u jhassarha u jirrevokaha billi japplika piena anqas harxa.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli, skond hu, l-Ewwel Qorti errogat piena li ma kienitx tisthoqq meta ordnat is-sospensjoni tal-licenzji tal-appellant ghal perjodu ta' sentejn. L-appellant m' huwiex qieghed jilmenta mill-multa ta' €500 li kien ikkundannat li jhallas izda qieghed jillimita l-appell tieghu biss ghat-tul ta' sospesjoni tal-licenza tieghu ghall-garr ta' arma tan-nar ghall-kacca tal-ghasafar fuq l-art u dik ghaz-zamma ta' arma tan-nar ghal-Target Shooting jew Kacca;

Kif jemergi mill-atti processwali l-appellant kien misjub fil-pussess ta' 237 skartocc fil-vettura tieghu waqt l-istagun mghaluq tal-kacca barra mill-fond fejn dawn kellhom jinzammu. Konsegwenza ta' dan kien misjub hati li kkaccja jew prova jikkacca ghasafar minn fuq l-art jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha. Ta' dan kien suggett ghal-piena tal-multa ta' mhux anqas minn €500 u mhux aktar minn €5000 u l-konfiska tal-*corpus delicti* oltre sospensjoni tassattiva tal-licenzja/i tal-kacca ghal-perjodu ta' mhux anqas minn sentejn u mhux aktar minn hames snin. Din il-Qorti ghalhekk ma tistghax tara kif l-appellant qieghed jitlob piena aktar klementi minn hekk meta huwa inghata l-anqas piena skond il-ligi. Di piu', kif tajjeb rrileva l-Avukat Generali, l-Ewwel Qorti kellha ukoll tordna l-konfiska tal-iskratac izda ma sar l-ebda appell dwar dan mill-istess ufficcju.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha b'dan illi t-terminu ta' sentejn sospensjoni ta' licenzji ghandu jibda jiddekorri mil-lum.